# L-istatwa tal-Porpra u l-istorja tagħha

**Dr. Simon Mercieca**



Ħaġa verament sabiħa li għada kif saret mill-kappillan ħabrieki ta' Raħal Ġdid, Dun Marc Andre Camilleri, kienet ir-restawr ta' statwa qadima li kien hemm f'Santa Ubaldeska. Din turi l-Porpra jew kif konna ngħidulha, *Ecce Homo*. Il-kelma Latina *Ecce Homo* ma hija xejn għajr frażi li nsibu fil-Vulgata, jiġifieri fl-Evanġelu bil-Latin. Din il-frażi tinsab fl-Evanġelju ta' San Ġwann, kapitlu 19 vers 5, meta Pilatu wera lil Kristu, wara l-flaġellazzjoni, lin-nies u qallhom "Hekk hu l-Bniedem".

Oriġinarjament, din l-istatwa kienet parti mis-sett tal-vari qodma tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla. Dawn kienu saru madwar il-bidu tas-seklu tmintax. Fost dawk li saru matul dan is-seklu ġewwa Bormla nsibu l-Marbut u l-Porpra. Statwi oħra bħar-Redentur, l-Vara l-Kbira u wisq probabbli l-Mejjet jistgħu jkun anki eqdem. Kulma baqa' f'Bormla minn dan is-sett il-qadim huwa Kristu Mejjet.

Niftakar, li meta kont qed nirriċerka fuq din il-lokalità, kont sibt li l-istatwarju Belti, Saverju Laferla, kien ġie imqabbad biex jagħmel xogħol fil-kartapesta għall-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Bormla. Ma naħsibx li għandu jkun hemm dubju, li din l-istatwa tal-Porpra, li għada kif ġiet restawrata f'Raħal Ġdid, mhix tiegħu. Anki stilistikament issegwi x-xogħol ta' dan l-istatwarju kbir Malti.

Saverio Laferla twieled madwar is-sena 1710.[1] Hu kien wieħed minn tal-ewwel li ħadem fil-kartapesta f'Malta. Jingħad li kien barbier[2] u tgħallem is-sengħa tal-kartapesta mingħand xi mgħallem Sqalli.[3] Biss ix-xogħol fil-kartapesta f'din il-ħabta kien isegwi l-iskola Franċiża, l-aktar dik tan-naħa t'isfel ta' Franza li kellha l-belt ta' Marsilja bħala ċ-ċentru tagħha. B'hekk din l-istatwa żgur saret fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax. Hu magħruf li bejn l-1730 u l-1741, Laferla għamel xi statwi għall-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Belt li tagħha hu kien fratell.[4] Wisq probabbli, din ta' Bormla saret ukoll f'din il-ħabta. Saverio Laferla miet fid-19 ta' Jannar tal-1761.[5]

Din l-istatwa tal-Porpra ta' Laferla baqgħet tintuża fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa Bormla sal-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax, Bormla kienu bdew ibiddlu numru ta' statwi. Il-Marbut u l-Porpra saru ġodda fl-injam mill-iskultur Pietru Pawl Azzopardi. L-injam kien mitqies f'dik il-ħabta

bħala xogħol aktar preġjat mill-kartapesta. Tant kemm intgħoġob dan ix-xogħol ta' Pietru Pawl Azzopardi, li fl-1855, il-Fratellanza tal-Kurċifiss riedet tibdel wkoll ir-Redentur. Riditu tal-injam u talbu lill-iskultur li jagħmlu jixbah lil dak tal-Isla.[6] Dawk qodma, il-Fratellanza tal-Kurċifiss iddisponit minnhom. Ir-Redentur kien sar mill-Fratellanza tal-Kurċifiss u għalhekk il-qadim kien eventwalment ingħata jew inbiegħ lill-parroċċa tal-Mellieħa.[7] Peress li l-Porpra u l-Marbut kienu tħallsu minn benefatturi, kif kienet id-drawwa f'dik il-ħabta, il-benefatturi ħadu dawn iż-żewġ statwi qodma magħhom id-dar.

Eventwalment, anki l-Vara l-Kbira ta' Bormla nbidlet. Bħalma kien ġara fil-Marbut u l-Porpra, il-familja li ħallset għall-istatwa l-ġdida, ħadet dik il-qadima. Il-ġdida saret minn Karlu Darmanin u ħallset għaliha l-familja Gulia. Il-familja ħadet is-salib ta' din l-istatwa l-qadima u wżat il-korp bħala monument fuq il-qabar li l-istess familja għandha fiċ-ċimiterju tal-Addolorata. B'hekk dan il-korp ta' Kristu Msallab huwa l-ewwel mill-istatwi qodma tal-Ġimgħa l-Kbira li spiċċa f'Raħal Ġdid.

Eventwalment, il-benefatturi tal-Porpra kienu taw din l-istatwa lill-kappella żgħira li kien hemm fil-Fgura. Din il-kappella ma għadhiex teżisti għaliex kienet twaqqgħet wara l-gwerra. Fiha kienet tinsab din l-istatwa tal-Porpra. Fi kliem ieħor, wara li ma baqgħetx tintuża fil-purċissjoni ta' Bormla, kienet spiċċat f'din il-kappella. Żgur li din l-istatwa ma saritx għal din il-kappella, għaliex din l-istatwa hija eqdem mill-kappella. Din il-kappella nbniet fl-1790 minn Klement Busuttil. Din kienet twaqqgħet fl-1844 biex saret oħra ikbar.[8] It-tkabbir ta' din il-kappella ħabat maż-żmien li Bormla biddlet il-Porpra tagħha u għalhekk iċ-ċans hu li din l-istatwa spiċċat f'din it-tieni kappella. Wisq probabbli wkoll, li l-wasla ta' din l-istatwa tal-Porpra ta' Bormla f'din il-kappella fil-Fgura hija marbuta ma' statwa devotissima li kien hemm tal-Porpra f'Raħal Ġdid. Nispera li dwar din l-istatwa qadima tal-Porpra jew *Ecce Homo* jkolli ċans nikteb f'xi ħarġa oħra.

Fit-Tieni Gwerra, din il-kappella fil-Fgura ntlaqtet mill-*shrapnels* tal-bombi u ġarrbet ħsarat kbar. *Shrapnel* minnhom kien għamel toqba fil-ħajt. Din it-toqba kienet fuq in-naħa tal-knisja li kienet tħares lejn it-tarzna. Din l-istatwa tal-Porpra ukoll intlaqtet u tkissret, wisq probabbli bil-blast tal-bomba. Ir-ras tqaċċtet minn mal-istatwa, biss ma nkissritx. Wiċċ Kristu ta' din l-istatwa spiċċa eżattament f'toqba li kien ħalla shrapnel fil-ħajt. Ġie jħares lejn it-tarzna. In-nies qiesu dan bħala miraklu. Kien tela' kważi Raħal Ġdid kollu jaraha. Kemm Ġużi Baluci u missieri jiftakruha tajjeb din l-istorja.

Issa f'dik il-ħabta, kien iqaddes f'din il-knisja Dun Ġużepp Zerafa li kien joqgħod Raħal Ġdid. Oriġinarjament kien mit-Tuneżija. Kien jitla' hemm iqaddes fil-Ħdud u meta kien ikollu xi funeral. Meta Dun Ġużepp Zerafa beda jixjieħ, din il-kappella fil-Fgura ingħatat lill-Patrijiet Karmelitani. Hu kien ħa din l-opra jew il-fdalijiet tagħha d-dar. Żgur li ġiet irranġata mill-ħsarat li kellha. Mid-dar ta' Dun Ġużepp Zerafa, din kienet spiċċat f'Santa Ubaldeska.

Meta fil-bidu tas-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor, f'Raħal Ġdid kien reġa' tqajjem il-ħsieb li jsiru s-sett tal-vari għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, bdiet ħidma biex jaraw mnejn ser iġibu numru ta' statwi. Ġużi Baluci, li kien f'dik il-ħabta Patri Karmelitan, bl-isem ta' Patri Armando, ħareġ bl-idea li din l-istatwa tal-Porpra tintuża għal din il-purċissjoni. Skont Baluci, din kienet sħiħa, f'pożizzjoni bilqegħda meta ddeċidew li jużawha għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Meta kont tifel, kont nismagħhom jgħidu li din l-istatwa kienet oriġinarjament wieqfa. Baluci kkonfermali li din l-istatwa ma kinetx ġiet irranġata. Hu ħallieha bilqegħda kif kien sabha.

L-interventi li saru fuqha minn Baluci kienu biex tidher ftit akbar. Din l-istatwa kienet bla porpra u anki kienet xi ftit żgħira. Għalhekk kienet saritilha sodda taħtha. Saret ukoll porpra tal-bellus aħmar. Ommu kienet ħallset id-drapp u oħtu Marija kienet ħitaitha. Fuq kollox, din kienet għada statwa minn dawk il-qodma, li fihom ma kienux għadhom bdew jintużaw l-għajnejn tal-ħġieġ. Kien Ġużi Baluci li sserralha rasha biex idaħħal għajnejn tal-ħġieġ. Meta reġa' għaqqadha, waħda mill-għajnejn waqgħet u b'hekk kellu jerġa' jiftaħ ras l-istatwa u jerġa' jwaħħal l-għajn tal-ħġieġ u jgħaqqadha mill-ġdid. Dan hu dettal importanti għaliex jista' jitfa' aktar dawl fuq l-istatwi ta' Laferla. Jiġifieri dawk l-istatwi tiegħu li għandhom għajnejhom tal-ħġieġ, mhumiex kompletament oriġinali, iżda kien sar fuqhom intervent, wisq probabbli matul is-seklu dsatax jew wara, biex jiddaħħlilhom dan l-element.

Jidher li maż-żmien kienu anki tmissu s-saqajn tagħha għaliex huma ftit sproporzjonati għad-daqs tal-istatwa. Wisq probabbli, kien minħabba l-ħsara li ġarrbet fil-gwerra li sarulha saqajn ġodda. Jidher ukoll, li din l-istatwa kienet inbidlitilha l-pożizzjoni tagħha, u minn waħda wieqfa saret bilqegħda. Fis-sagristija tal-knisja ta' Raħal Ġdid kien ikun irrakkuntat li kienet originarjament f'pożizzjoni wieqfa.

Min-naħa l-oħra, l-istatwa tal-Marbut jew aħjar il-werrieta li kienu akkwistawha, niżżlu wkoll joqogħdu f'Raħal Ġdid. B'hekk din ukoll spiċċat ġewwa Raħal Ġdid. Il-Marbut kien għand għażeb, ċertu Ġużeppi Stevens, li kien orġinarjament minn Bormla. Dan kien bil-bradella b'kollox. Jien niftakru joqgħod 67, Triq Lampuka, Raħal Ġdid. Kien bin Ġorġ u Marija née Bezzina. Stevens sellef din l-istatwa lill-knisja. Peress li hu kien sellifha lill-Knisja kienu ħalluha kif kienet jiġifieri ma kinitx tmisset. Dun Adolf Agius kien żamm il-Marbut fil-*garage* tiegħu. Darba laqtu bil-Volkwagen huwa u dieħel fid-dlam bil-lejl. Tgħidx x'qatgħa ħa meta mteddlu fuq il-bonnett u ra wiċċu bid-dmija mal-*windscreen*! Wara li għaddietlu l-qatgħa kien ċempel lil Baluci u b'nofs ċajta qallu "Ġuż ejja għax tajjartlu saqajh barra". Baluci qallu "lil min?" U Dun Adolf wieġbu "Lil Ġesù!!!". Bid-daqqa qalgħu minn mal-bażi tiegħu u kissirlu saqajh. Baluci kien reġa' rranġah.

B'hekk fl-1971, din l-istatwa tal-Marbut u tal-Porpra ħarġu għall-ewwel darba f'dik li kienet issa purċissjoni b'sett ta' statwi u mhux bi tnejn biss, bir-Redentur

u d-Duluri kif kienet il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Raħal Ġdid sal-1970. Il-Marbut u l-Porpra ta' Laferla ntużaw ukoll fis-sena ta' wara. It-tnejn li huma waqfu jintużaw fis-sena 1973, meta Antonio Farrugia kien lesta tnejn ġodda biex jieħdulhom posthom: Kristu qed jiġi msawwat minn manigold u Kristu quddiem Pilatu.[9]

B'hekk meta sar il-Marbut ta' Antonio Farrugia, Stevens kien ħa l-Marbut il-qadim lura d-dar u kien iżommu fl-ewwel kamra. Kien jiftaħ il-persjana meta l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet tgħaddi minn quddiem id-dar tiegħu. Meta wasal fl-aħħar, u qabel ma irtira Ħas-Serħ (illum St. Vincent De Paule) kien ta l-Marbut lill-Patrijiet Kapuċċini ta' Għajn Dwieli. Kien talab lil Lorry Sant, dak iż-żmien Ministru tax-Xogħlijiet biex jibgħatlu trakk. Lorry Sant kien bagħtlu trakk impressed mal-Gvern fejn ħaduh bil-bradella b'kollox għand il-Kapuċċini Għajn Dwieli fejn għadu hemm sal-lum. Kien miet 4 ta' Novembru 1985 fl-età ta' 89 sena.

Min-naħa l-oħra l-Porpra nżammet fil-knisja ta' Santa Ubaldeska, fejn bdew jinżammu x'uħud mill-istatwi l-qodma li kienu bdew jinbidlu. Xi ħadd kien ħa l-porpra tal-bellus u għamel minn flokha waħda kerha tal-kartapesta.

Kien tqabbad l-istatwarju Antonio Farrugia biex jibda jagħmel l-istatwi l-ġodda ta' Raħal Ġdid. Peress li Raħal Ġdid beda jagħmel statwi tal-Ġimgħa l-Kbira b'żewġ personaġġi, kien ġie deċiż, li l-Porpra jsir bilwieqfa u miegħu tiżdied il-figura ta' Pilatu. Kienet l-ewwel statwa f'Malta li saret statwa tal-Porpra ma' Pilatu. Infatti, Antonio Farrugia kien tqabbad jagħmel lil Pilatu qed jipponta sebgħu lejn Kristu, biex juri l-mument meta hu qal il-kliem *Ecce Homo* jew *Hekk hu l-Bniedem* lin-nies li nġabru quddiem il-palazz tiegħu. Dan il-ħsieb inżamm fl-istatwa l-ġdida li ħadet post dik ta' Antonio Farrugia.

Tant kemm kienet suċċess din il-vara, li parroċċi oħra tħajru u bdew jimitaw din l-istatwa bid-differenza iżda, li f'dawn il-parroċċi, fejn iddaħħlet l-istatwa ta' Pilatu, din ma ħaditx post il-vara tal-Porpra bħalma ġara f'Raħal Ġdid, iżda żdiedet mas-sett li kellhom.

B'hekk fuq livell semantiku, l-introduzzjoni tal-istatwa ta' Kristu quddiem Pilatu f'Raħal Ġdid, wasslet biex l-istatwa tal-Porpra bdiet tieħu sinifikat ieħor minn dak li kellha sa issa fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa Kbira Maltin. Ma baqgħetx tfisser l-Porpra jew l-*Ecce Homo* kif hemm ukoll min jgħidilha, iżda saret tfisser Kristu quddiem Pilatu. B'hekk Kristu quddiem Pilatu u l-Porpra saru żewġ fażijiet differenti fl-istorja tal-passjoni, b'din tal-aħħar tibda jkollha s-semantika tagħha aktar marbuta mat-terminu "Kristu nkurunat bix-xewk".

Din l-istatwa ta' Antonio Farrugia kellha anki effett fuq l-livell ta' lingwa użat f'Raħal Ġdid fir-rigward ta' din l-istatwa. Meta kienet iddaħħlet din l-istatwa li għadha kif ġiet restawrata, in-nies bdew jirreferu għaliha bħala l-Porpra. Anki meta saret l-istatwa ta' Antonio Farrugia, għal bidu kulħadd kien jirreferi għaliha bħala l-Porpra,[10] iżda tant kienet suċċess din iż-żieda tal-figura ta' Pilatu, li maż-żmien, tilfet dan l-isem u llum f'Raħal Ġdid, din hija magħrufa biss bħala Kristu quddiem

Pilatu. L-isem l-ieħor intesa għal kollox, tant li kien hemm anki żmien meta kien jingħad li f'Raħal Ġdid, is-sett ma għandux din l-istatwa tal-Porpra.

Min-naħa l-oħra, l-użu tat-terminu *Ecce Homo jew* kif ngħidulu bil-Malti l-Aċċjomu ma nsibuhx użat f'Raħal Ġdid għal ma' din l-istatwa li ġiet minn Bormla u lanqas għal dik li saret wara minn Antonio Farrugia. Dan minħabba l-preżenza ta' statwa oħra devozzjonali, u mhux proċessjonali tal-*Ecce Homo* li kienet oriġinarjament Santa Ubaldeska u wara li kien tela' s-sagrament, kienet ittellgħet fil-knisja l-ġdida. Din kienet tqegħdet fuq l-altar tal-ġebel li kien hemm fil-kappella fuq il-lemin tas-Sagrament. Illum din l-istatwa tinsab f'niċċa fl-istess knisja.

B'hekk fil-parroċċi fejn issir il-Ġimgħa l-Kbira, u ddaħħlet din l-istatwa ta' Pilatu, l-istatwa tal-*Ecce Homo* nżammet għaliex tilfet il-veru sinifikat tagħha bħala statwa li qed turi l-istess suġġett bħal dik ta' Pilatu. Minflok, l-istatwa tal-Porpra bdiet tiġi assoċjata ma' mument kronologiku partikolari tal-passjoni, jiġifieri wara l-flaġelazzjoni, meta Kristu ġie inkurunat bix-xewk, imlibbes il-porpra, u tawh qasba f'idu.

Xi snin ilu, dawn iż-żewġ statwi, tal-Marbut u tal-Porpra ta' Laferla kienu anki ġew esebiti fl-Oratorju tal-Kurċifiss tal-Knisja ta' Bormla meta kienet saret esebizzjoni marbuta mal-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Knisja ta' Bormla u l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tagħha. Dan ikompli jikkonferma tradizzjoni orali li din l-istatwa li għadha kif ġiet restawrata kienet dik qadima li l-istatwarju Saverju Laferla għamel għall-knisja ta' Bormla fis-seklu tmintax.

Prosit talli din l-istatwa storika ġiet restawrata u twasslet lura għall-glorja passata tagħha.

**Referenzi**


[1] http://www.goodfridaymalta.com/statwarjiminipages/saveriolaferla.html. Aċċessata nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu 2017.

[2] Ibid.

[3] 'Lagerla Saverio', *Dictionary of Maltese Biographies*, Malta 2009, 1030.

[4] Ibid.

[5] Ibid.

[6] Joseph Bonello, "Ġrajja Kurjuża dwar l-Istatwa tar-Redentur ta' Bormla: Kawża fil-Qorti". Dan l-artiku jinsab fis-sit elettroniku. http://www.cospicuaparish.org.mt/articles_jbonello_grajjakurjuzaredentur.asp. Dan is-sit ġie aċċessat il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2017.

[7] Ibid.

[8] E.B. Vella, *Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid*, Empire Press Malta, 222.

[9] Joseph C. Camilleri, 'Good Friday Processions in Malta (1) Paola', *Civilization An Encycolopaedia on Maltese Civilization, History and Contemporary Arts*, no, 31, pp. 849-851.

[10] Ibid.